**FIL-QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY J. VELLA

Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Marzu 2021

Rikors nru: 148/2011 AGV

AB

vs

CB

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' AB datat 5 ta' Mejju 2011, fejn espona bir-rispett u ikkonferma:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit- 2 ta' Settembru 1990, fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, Imdina u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg, Dok. A;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu D li llum ghandu 18-il sena u huwa maggorenni, u l-minuri E li ghandha 12-il sena dan kif jirrizulta mill-anness certifikat immarkat Dok B;

3. Illi l-intimata rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' zewgha r-rikorrenti ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi, b' rizultat li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom ma ghadhiex aktar possibbli tant li z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

4. Illi inoltre l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija impossibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

5. Illi r-rikorrenti gie awtorizzat sabiex jipprocedi ghal separazzjoni personali skond digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 27 ta' April, 2011, fl-atti tal-ittra numru 770/10, hawn anness u mmarkat Dok. C.

Tghid ghalhekk l-intimata ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarji u opportuna ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E konguntivament f' idejn il-partijiet u dan fl-ahjar interess tal-minuri b' dana illi tiffissa modalita' ta' access lir-rikorrenti versu bintu minuri.

3. Tikkomina kontra l-istess intimata l-provvedimenti tal-artikolu 48 sa 51 sa 61 tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Prevja li tiddikjara illi r-rikorrenti ghandu kreditu parafernali kontra l-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont li jeccedi hamsa u tmenin, tmien mija, wiehed u erbhgin Ewro (85,841 Euro) kif ser jirrizulta mis-smiegh tal-provi, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akwisti ezistenti bejn il-partijiet,

tillikwida u taqsam l-istess f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda li kull wiehed mill-partijiet, b'dana illi jigu applikati s-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba, okkorendo bin-nomina ta' Periti nominandi.

**5.** Tikkundanna lill-intimata tirrestitwixxi lil-attur il-propjeta' kollha taghha parafernali inkluz id-dar matrimonjali jew l-valur taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), kontra l-intimat, minn issa ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' CB datata 21 ta' Ottubru, 2011 fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat:-

1. Illi preliminarjamrnt qed tigi eccepita n-nullita' tar-rikors guramentat tal-attur ghax nieqes minn partikolarita' essenzjali rikjesta mil-Ligi, fil-fatt il-kontenut tieghu inhalef qabel mal-Qorti emendat l-awtorizazzjoni mehtiega biex tinfetah il-kawza, u dan ghalkemm fih jinghad illi r-rikorrenti (diga') gie hekk awtorizzat.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, in rigward ghall-ewwel talba tal-attur, l-esponenti taqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali, izda mhux ghar-ragunijiet allegati mil-attur, liema ragunijiet huma infondati fil-fatt u dritt, imma minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-attur u dettaljati mill-esponenti fl-annessa kontro-talba, ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment bla ebda tort tal-konvenuta imma unikament minhabba li l-attur irrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti martu ta' swat, eccessi, mohqrija, theddid u ingurji gravi u sevizzi u ghaliex irrenda l-hajja konjugali impossibbli. L-attur kien abbuziv lejn martu, u sawwatha diversi

drabi, heddidha u ingurjaha, dana kif jirrizulta minn diversi sentenzi u rapporti.

3. Illi bla pregidizzju ghas-suespost, dwar it-tieni talba attrici din ghandha tincahad fis-sens illi l-kura u kustodja tal-minuri E ghandha tkun f' idejn il-konvenuta biss u dana fl-ahjar interess tal-minuri u mhux kongunta bejn il-partijiet, pero' l-esponenti taqbel li tigi ffissata modalita' ta' access ragjonevoli ghall-attur.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, dwar it-tielet talba attrici din ghandha tincahad ghaliex ma ghandhomx jigu komminati ebda sanzjonijiet kontra l-konvenuta ghaliex ir-responsabilita' ghat-tifrik taz-zwieg hija kompletament u esklusivament ta' zewgha, u ghalhekk is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kap. XVI inkluzi dawk ai termini tal-artikolu 48 u 51 sa 61 ghandhom jigu applikati kontra l-attur, kif mitlub fil-kontro-talba u mhux kontra l-esponenti.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost dwar ir-raba' talba attrici, hemm qbil biss dwar il-parti fejn jintalab illi l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xolta u likwidata u maqsuma f' porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati lill-partijiet, imma dan wara li jkunu gew applikati s-sanzjonijiet applikabbli kontra l-attur ai termini tal-Kap. XVI u skond il-kontrotalba u mhux kontra l-esponenti anka ghaliex ma ntalbu ebda sanzjonijiet fil-hames talba attrici – waqt illi t-talba kif dedotta ghad-dikjarazzjoni dwar kreditu parafernali tal-attur kontra l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tincahad ghaliex infondata fil-fatt u fid-dritt. Hemm qbil dwar in-nomina jekk ikun il-kaz, ta' periti nominandi ghall-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti.

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost dwar il-hames talba attrici, din ghandha tincahad fis-sens illi l-konvenuta ma ghandhiex fil-pussess taghha ebda propjeta' parafernali tal-attur.

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ispejjez kollha kemm fil-kawzi kif ukoll tal-proceduri tal-Qorti ghandhom jibqghu esklussivament a karigu tal-attur. L-esponenti ma jirrizultalix li saru xi proceduri quddiem il-Qorti Civili ( Sezzjoni tal- Gurisdizzjoni Volontarja).

8. Illi hemm qbil dwar l-ewwel u t-tieni paragrafu tar-rikors guramentat tal-attur ghaliex id-data taz-zwieg hija korretta u miz-zwieg twieldu D u E.

9. Illi dwar it-tielet paragrafu tar-rikors guramentat, dak li jinghad fih mhux minnu ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, minhabba tort esklussivament tal-attur hekk kif ser jirrizulta fil-kontrotalba u mhux tort tal-esponenti.

10. Illi dwar ir-raba' paragrafu, huwa minnu illi hemm inkompatibilita' ta' karattru bejn il-partijiet.

11. Illi dwar il-hames paragrafu tar-rikors guramentat, ghandu jinghad illi l-att huwa mahluf fit- 8 ta' April, 2011 allura mhux minnu li l-attur fil-mument li ha l-gurament kien awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali minn digriet ta' din il-Qorti. Fil-fatt id-data tad-digriet imhollija vojta ghax ma kienx hemm ebda digriet sa dak il-jum.

12. Illi kif jinghad iz-zwieg tkisser irrimedjabilment unikament tort tal-attur ghaldaqstant il-konvenuta qed tipprevali mill-opportunita' li taghtiha l-ligi illi tipprezenta kontro-talba kontra l-attur, flimkien ma' din ir-Risposta guramentata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tal-medjazzjoni Ittra numru 770/2010 u 891/2011, dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 155/2010 AF – u tal-atti kollha sussegwenti kif ukoll ir-rikors prezentat fl-atti tal-imsemmi mandat quddiem din l-Onorabbli Qorti, kontra l-attur illi huwa ingunt mins issa ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat il- Kontro-talba ta' CB** datata 21 ta' Ottubru 2011 fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat is-segwenti fatti illi hi qed tiddikjara li tafhom personalment:-

1. Illi hi u l-attur zzewwgu fit- 2 ta' Settembru 1990, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok B mar-Rikors guramentat tal-attur rikonvenzjonat.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' D li twieled fis- 16 ta' Frar, 1993, li huwa student full-time u E li twieldet fl-24 ta' Awwissu, 1998 u ghalhekk ghadha minuri.

3. Illi l-attur rikonvenzjonat irrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti, hati ta' eccessi, minacci, sevizzi, u ingurji gravi, kif ukoll vjolenza ripetuta, mohrija u theddid b' mod li rrenda impossibbli l-hajja konjugali ta' bejniethom ghalhekk il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet tkissret irriemedjabilment.

4. Illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba agir tal-attur, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

5. Illi l-attur rikonvenzjonat kien abbuziv lejn martu sawwatha diversi drabi, heddidha u ingurjaha. Fil-fatt hemm xejn inqas minn erba’ sentenzi kontrieh f’ dan ir-rigward. Wahda hija kkonfermata mill-Qorti tal-Appell datata 21 ta’ Frar 2011, u tlieta mil-Qorti tal-Magistrati ( Malta) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ( Qorti tal-Familja) illi kollha kemm huma ghaddew ingudikat u datati wahda 26 ta’ Jannar 2011, tnejn 30 ta’ Marzu, 2011, fejn l-attur jinsab hati li kkawza griehi ta’ natura hafifa, ta’ ingurja u / jew theddid fil-konfront ta’ martu, li qal kliem oxxen u indicenti. Il-Qorti tal-appell ikkonfermat ordni ta’ protezzjoni kontra l-attur favur il-konvenuta ghal sentejn. L-attur tabilhaqq irrenda il-hajja konjugali impossibbli.

6. Illi minkejja diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja min-naha tal-kovenuta rikonvenjenti, din is-soluzzjoni bonarja qatt ma sehhet, ghaliex l-attur rikonvenzjonat qatt ma ried jasal.

7. Illi l-attur rikonvenzjonat jidhol u johrog mid-dar meta jrid u gieli jaghmel zmien twil barra mid-dar ( kif ukoll jitla’ l-Ingilterra ghand qraba tieghu ghal perjodu ta’ zmien ) u hija biss il-konvenuta rikonvenzjonanti illi thallas l-ikel, il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma, kif ukoll il-bzonnijiet tat-tfal sewwa dawk personali, kif ukoll dawk li ghandhom x’ jaqsmu mal-edukazzjoni u sahha ghalkemm hija tahdem biss fuq bazi part time.

8. Illi l-medjazzjoni ma tat ebda frott.

9. Illi l-konvenuta rikonvenzjonanti giet debitament awtorizzata tipprovdi ghas-seperazzjoni personali *ad mensa et thoro* permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja datat 24 ta’Awwissu, 2011, liema digriet igib in-numri 1524/2011 , kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa, u mmarkata Dok. C.

10. Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors guramentat sabiex jintalab is-separazzjoni personali bejn il-konjugi Pisani.

11. Illi l-attrici rikonvenzjonanti taf b' dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ighid l-attur rikonvenzjonat ghal ragunijiet premessi ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvediment opportuni, inkluz, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-partijiet ghar-ragunijiet premessi imputabbli unikament lill-attur rikonvenzjonat minhabba sevizzi, ingjuri, minacci, theddid u eccessi kommessi kontra l-konvenuta rikonvenjenti kif fuq premess u/ jew minhabba inkompatibbilita' ta' karattru bejn il-kontendenti u / jew minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi senjatament l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16), tistabbilixxi d-data meta l-istess attur rikonvenzjonat ghandu jkun ikkunsidrat illi minnha kien jahti tal-firda.

2. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u minn 51 sa 61 tal-Kodici Civili (Kap.16) tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti rata ta' manteniment ghaliha illi din il-Qorti joghgobha tiffissa, skont il-bzonnijiet taghha u l-mezzi tal-attur rikonvenzjonat. Liema rata ghandha toghla kull sena skond l-indici tal-inflazzjoni, ai termini tal-

iskeda mal-Kapitlu.158 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif regolarment riveduta u tiffissa il-modalitajiet tal-istess hlas.

4. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas lill-konvenuta ghal uliedhom D u E dak il-manteniment li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, liema rata ta’ manteniment, ghandha toghla kull sena skont l-indici tal-inflazzjoni ai termini tal-iskeda mal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif regolarment riveduta u tiffissa l-modalitajiet tal-istess hlas.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess propjeta’ u assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-konvenuta rikonvenzjonanti u l-ohra lill-attur rikonvenzjonat, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita’ d-data li minnha l-attur rikonvenzjonat jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda b’ tali mod li l-attur rikonvenzjonat jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-konvenuta rikonvenjenti skond il-ligi u billi l-attur rikonvenzjonat jigi ddikjarat unikament u esklussivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzjonijiet minnu assunti *in mala fede,* u billi l-konvenuta rikonvenzjonanti tigi akkreditata b’sehemha spettanti mir-rikavat ta’ beni appartenenti lill-komunjoni gja’ mibjugha f’ kaz li l-konvenut ma jaghtix rendikont soddisfacenti ta’ tali rikavat l-attur rikonvenzjonat jigi kkundannat jaghti lura kull somma ta’ flus jew l-valur tal-oggett li seta’ ha l-attur rikonvenzjonat biex ihallas djun li mhumiex tal-komunjoni tal-akkwisti, u dana kollu jekk hemm bzonn b’ opera ta’ Perit Nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni u jipproponi pjan ta’ qasma , u jekk ikun il-kaz ordni ta’ bejgh in licitazzjoni ta’ dawk l-assi tal-komunjoni illi ma jistghux jigu divizi f’ partijiet korrispondenti mal-entita’

tal-akkwisti kif ser jigu assenjati lill-partijiet skond il-qasma kif ordnata mill-Qorti.

6. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri E f' idejn il-konvenuta rikonvenzjonanti u dana fl-ahjar interess tal-istess minuri b' access tal-attur rikonvenzjonat taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhirlha xierqa.

7. Takkorda lill-konvenuta rikonvenzjonanti d-dritt li tibqa' tirrisjedi esklussivament flimkien ma' uliedha D u E fid-dar matrimonjali ossija l-fond Oslin, 9, Milner Street, Sliema ad eskluzjoni tal-attur rikonvenzjonat.

8. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jikkonsenja lill-konvenuta rikonvenzjonanti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti l-oggetti kollha dotali u parafernali tal-istess konvenuta rikonvenzjonanti u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lil-attrici l-valur taghhom hekk kif jigu likwidati jekk hemm bzonn bl-opra ta' Periti nominandi.

9. Tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 155/2010 akkordat permezz ta' digriet tat-13 ta' Lulju 2010 fil-konfront ta' bint il-partijiet E sakemm hija taghlaq it-tmintax-il sena.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tal-medjazzjonijiet Ittra numru : 770/2010 u 891/2011, dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru : 155/2010 AF – u tal-atti kollha sussegwenti kif ukoll tar-rikors ipprezentat fl-atti tal-imsemmi mandat quddiem din l-Onorabbli Qorti, kontra l-attur illi huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba li gie pprezentat fl-10 ta' Jannar, 2017.[1]

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Dr. Ludvic Caruana datat 11 ta' Frar, 2019.[2]

Rat ir-rikors tal-attur data 13 ta' Marzu, 2020, fejn talab li l-ewwel talba tieghu tigi emendate ghal wahda ta' divorzju, liema rikors ma giex notifikat lill-kontro parti, u ghalhekk baqa' mhux dekretat.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

## FATTI

1. **L-attur** iltaqa' mal-konvenuta meta t-tnejn li huma kienu jahdmu l-Mid-Med Bank. Wara sena u nofs johorgu flimkien iddecidew li jizzewwgu. L-attur ighid li kellu diga' l-post tieghu u ghalhekk kellhom fejn imorru joqoghdu.

   Kienu qed jistennew l-ewwel tarbija, izda tilfuh u jammetti li kienet daqqa ta' hartha ghalih u kien waqa' f'depression u anke l-konvenuta kienet ghaddiet minn trawma. Ighid ukoll li mbaghad kellhom tifel li kien ibati bil-*colic* u ma tantx zvillupat rabta bejn it-tifel u l-konvenuta. Ighid li l-konvenuta ma tantx kellha kontroll fuqu u kien talab lin-nursery biex izommuh. It-tifel kien imqareb u meta kien talab lill-konvenuta biex ikollhom tarbija ohra, irrifjutat u kienet tinsisti li jkollhom sess orali.

   L-attur jispjega li kien ihoss li ghalxejn kien xtara dar b'hamest ikmamar tas-sodda, jekk il-konvenuta ma riditx tfal, izda meta kien talabha biex tmur tahdem part-time biex ilahhqu mal-ispejjez tal-loan, imbaghad kienet

[1] Ara fol.302

[2] Ara fol. 348. ~

accettat li jkollhom tarbija ohra u fil-fatt kellhom tifla. Ighid li l-konvenuta kienet thalliha hafna fil-playpen u l-izvilupp taghha kien batut.

L-attur jilmenta li minkejja li kienu jkunu mistednin ghand il-hbieb qatt ma kienu jistiednu nies id-dar ghax il-konvenuta ma tantx kellha hajra ghat-tisjir u lanqas jaf li qatt sajjritlu xi haga li jhobb. Ighid kien fuq l-insistenza tal-konvenuta li kien xtara d-dar t'ommu f'Milner Street, Sliema.

Ighid li ghalih lanqas kien ihossu mizzewweg lill-konvenuta u dan ghaliex kienet ikkontrollata minn ohtha u l-familja taghha. Di piu' kienu familja li jzommu hafna ghalihom u kellhom problemi tad-djun minhabba n-negozju tal-familja F. Il-Bank kien anke heddu, li jkollhom jehodulu d-dar jekk kemm il-darba d-dejn ma jithallasx.

L-attur jistqarr li kien ghaddej minn hafna stress u kien ibati minn OCD, tant li beda jhoss hafna pressjoni fuq ix-xoghol u ddecida li jitlaq mill-impjieg tieghu. Kien anke tkellem ma' Dr. Joe Vella Baldacchino li kien tah il-parir li ghandu jiehu *sick leave*. Jispjega li kien ghamel zmien *sick leave* bil-*half pay* b'd*epression* u mbaghad giet l-opportunita' li japplika ghall-iskema ta' *early retirement* giet accettata mill-bank.

Beda jhoss li ma setax jaffaccja x-xoghol u iktar kien waqa' f'depression qawwija ghax kien ihoss li ma kienx kapaci jahdem iktar u kien falla bhala missier u bhala persuna.

Kien irnexxielu jhallas il-loan tad-dar minn flus li kien qala' fuq bejgh ta' proprjeta' li kien wiret. Jispjega ukoll li tul dan iz-zmien, il-konvenuta kienet qed tahdem full-time u hu kien jiehu hsieb id-dar u lit-tfal u jipprova jikkura l-OCD tieghu. Il-konvenuta qatt ma tatu sodisfazzjon fuq il-paga taghha. Mill-flus li kienu jaqilghu mill-istudenti jichad li kien izomm izjed u jghaddi lill-konvenuta biss *allowance*.

Meta l-konvenuta bdiet tghajjru li ma kienx ragel peress li ma kienx kapaci jahdem kien iddecieda li jaghmel rapport l-ghassa li kienet qed tabbuza minnu verbalment u kien anke talabha titlaq mid-dar. Bhala konsegwenza, il-konvenuta bdiet taghmel rapport l-ghassa kull gimgha u bdiet sahansitra tivvinta li kien isawwatha u wasslet biex tghidlu ukoll li kienet tobghodu minn dejjem. Ikkonferma li kien hemm diversi sentenzi li nghataw fil-konfront tieghu u fejn f'xi uhud minnhom kien ghamel ammissjoni ghall-akkuzi.[3]

L-attur jinsisti li ma setghux jghixu hekk izjed u d-dar kienet mimlija mbarazz u t-tfal kienu qed jorqdu fl-istess tip ta' ambjent.

Dwar il-flus li rcieva minghand il-Bank bhala *early retirement fund*, li kienu fl-ammont ta' €84,851 jikkonferma li ddepositahom fil-bank Nat West fl-Inghilterra go *current accounts*. Kien uza nofshom ghall-hajja u sabiex isiefer lil uliedu.

L-attur jikkonferma li presentement qed jghixu separatament fl-istess dar u filwaqt li hu jhallas ghall-ispejjes tat-telefon u internet, il-konvenuta tiehu hsieb il-kontijiet tad-dawl u ilma u jghid li ma jarax li dan mhux gustifikat peress li l-konvenuta qatt ma hallset loan jew hallset ghal xi haga ohra.

Dwar il-post tar-Rabat jikkonferma li kienu jikruh u kien ilu jinkera ghal hames snin b'€80 fix-xahar, izda l-kerrejja ma kinitx thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma. Ighid li kien kriehulha bla kuntratt u kienet hallset sena kirja, imbaghad waqfet ghaliex ma kellhiex flus. Kienet ghamlet iktar minn sentejn tghix hekk u ma thallasx, imbaghad kienet mietet *b'terminal cancer*. Ighid li ma kienx ighaddi minn dawn il-flus lill-konvenuta peress li ma kienx ghadu gabar il-flus li kien nefaq biex irranga l-post.

---

[3] Ara Dok. X1 – X 5

Fuq is-socjeta' Federated Mills jispjega li huwa direttur fuq karta biss ghaliex ma jiehux introjtu u qieghed jidher bhala direttur peress li l-familja tieghu ghandhom ishma fl-istess socjeta'. Ommu kienet uzufruttwarja u kellha 3,750 shares u peress li mietet dawn kellhom jinqasmu bejnu u bejn hutu. Minn hawn jircieci biss *directors fee* u jirceviha biss kull sentejn. Ighid li m'ghandux introjtu iehor. Iktar tard ikkonferma li ma kienx ghadu direttur.

L-attur jikkonferma ukoll illi kellu 72,000 ishma (shares) fil-Valletta Fund Management. Dawn kienu parti mill-pension fund. Jikkonferma ukoll li kien gibed 60,000 u li kien hemm bilanc ta' 12,754.41. Jikkonferma li llum dawn m'ghadhomx hemm.

Dwar il-mizati tal-iskola jghid li gieli hallas il-mizata ta' €200 tat-tifla E li kienet tattendi s-Sacred Heart. Ikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet hallset €10,000 sabiex it-tifel ikompli jistudja ghall-Masters fil-Marine Biology u kienet anke xtratlu computer u kien hareg €200 ghall-hsarat li kien hemm fil-computer. Kien tah 1,000 sterlina ghall-akkomodazzjoni.

Fuq l-istudenti li kienu jgibu jistqarr li fuq medda tat-tnax-il sena kienu dahlu xi €25,000 gross u dawn il-flus kienu jwarrbuhom u kienu jsiefru bihom.

Rigward GH, l-attur ighid li dina hija habiba, ghax hi u zewgha I isajjrulu u jiehdu hsiebu.

2. **Il-konvenuta** tispjega li kienu ltaqghu meta t-tnejn li huma kienu jahdmu mal-Mid-Med Bank. Tghid li kien hemm zmien waqt l-gherusija fejn gieli hassru u fit-2 ta' Settembru, 1990 kienu zzewwgu.

   Il-konvenuta tistqarr li l-problemi bdew mill-honeymoon, fejn l-attur kien ikun stramb maghha. Kienet tilfet tarbija u mbaghad kienet harget tqila b'D

u ma kellhiex tqala facli u tghid li l-attur ma kienx juriha mhabba. It-tifel kellu jitwieled b'cesarja u peress li kellha tiehu l-loppju, kien l-attur li kien zamm it-tarbija l-ewwel u kien ighajjar lill-konvenuta li ma kellhiex *bond* mat-tifel peress li ma zammitux meta twieled. D kien imqareb u kien ibati mill-*colic* u minkejja li l-konvenuta kienet tipprova zzomm id-dixxiplina, l-attur kien jinterpretah bhala nuqqas ta' mhabba. Kienet torqod ma' D f'kamra ghalihom u ma setghetx tuza' l-kamra tal-banju biex ma tqajjimx lill-attur peress li kienet *en suite*.

Il-konvenuta tispjega li kienet tahdem ghal xi sitt xhur wara li twieled D u wara bidlet ghal xoghol part-time. Minn dak iz-zmien bdew jinqalghu l-problemi bejniethom. Il-konvenut kien ikun aggressiv maghha u kien anke jipprova jghaddiha biz-zmien u jghajjarha.

Tispjega li kienu xtraw il-proprjeta' ta' omm il-konvenut u kien ha d-decizjoni wahdu u hasset li ma kellhomx bzonnha. Kienu hadu *staff loan* sabiex ihallsu d-dejn, hallsu ukoll lil omm il-konvenut u hi kellha xi flus f'kont l-Inghilterra li kienet warrbet meta kienet xebba u kienet tatu GBP 10,000 sabiex jintuzaw ghax-xiri u alterations tad-dar li kienet sarrfet minghand ir-Royal Bank of Scotland. Izzid tghid li kellhom hafna spejjez go din id-dar u ghalhekk biex itaffu ftit mill-ispejjez iddecidew li juzaw wahda mill-kmamar ghall-*hosting* ta' studenti barranin. Imbaghad kienu rrangaw kamra ohra u kienu jospitaw 4 studenti u damu sejrin hekk ghal tnax-il sena u dejjem kienet tiehu hsieb kollox hi.

Tghid li l-attur xtaq tarbija ohra, izda ghal bidu kienet tibza' minhabba l-mod kif kien jittrattaha, kif ukoll kienet tibza' minhabba l-problemi ta' *spina bifida* li kien hemm fil-familja taghha. Fil-Milied tas-sena 1997 kienet infurmat lill-attur li kienet qed tistenna lil E u kienu kuntenti hafna. Kien pero' jghid lit-tfal li hi ma kinitx thobbhom u tinnega dan kollu. Tant kien ighajjarha u imaqdarha li tammetti li spiccat kellha *low self-esteem*

taghha nnifisha u kellha tmur tkellem it-tabib tal-familja. Kienet marret tfittex l-ghajnuna tal-moviment ta' Cana u kienet damet tmur ghandhom ghal xi seba' snin. Xtaqet li marru bhala koppja, izda kienet taf li l-attur ma kienx jaccetta.  Kienu marru ghal "couple therapy" ghand il-psikjatra li kien imur ghandha l-attur, izda ma riedx imur iktar peress li kienet taqbez ghaliha.

Kien hemm problemi ukoll mat-tabib tal-familja li ma riedx jaqdi lill-attur iktar id-dar taghhom. Dwar l-operazzjoni ta' binhom D tghid li mhux minnu li ma riditx li ssir l-operazzjoni u dan peress li kien hemm wisq opinjonijiet divergenti tat-tobba dwar jekk ghandhiex issir l-operazzjoni jew le. L-istess oppona meta t-tobba kienu rrakkomandaw li ma kienx hemm il-htiega li E tigi operata fit-tunsilli. Beda jghajjar lill-attrici li m'accettatx li ssir dina l-operazzjoni.

L-attrici tinsisti li l-konvenut huwa bniedem dittatur u dejjem ried li tghaddi tieghu. Minhabba f 'hekk tghid li ma kinitx tmerrih u dan kien jinterpretah bhala li hija indifferenti u li hija « unfit mother. » Tghid ukoll li kienet tiffaccja problemi biex tiddixxiplina lit-tfal ghaliex kull darba kien iwaqqfilha kelmitha.  Kien jikkritikaha u jmaqdarha anke quddiem it-tfal u anke quddiem il-hbieb, li spiccat abbuza minnha kemm mentalment kif ukoll emozzjonalment. Jekk tmerih jara kif ser ipattilek.

Izzid tghid li meta l-attur ma kienx qed jahdem kien iqatta' hafna hin fil-kamra tieghu jixtri oggetti *second hand online* u kien mela kamritu b'hafna imbarazz. L-attrici ssemmi diversi oggetti li kien jixtri u jbiegh u anke rreferiet ghal diversi kontijiet bankarji minn fejn jirrizulta li kien hemm xiri online fejn l-akkwist kien jithallas permezz ta' Paypal.[4] Kienet tal-ideja li

[4] Ara Dok. AGA 1 u AGA 2, annessi mad-Dokument C.

kellu tip ta' negozju fuq l-internet, ibieghu u jixtri u dan kien fiz-zmien li diga' kienu l-Qorti.

Madanakollu, l-attrici taghraf li l-konvenut kien qed jiddepozita diversi somom ta' flus u ma setghetx tifhem minn fejn kien qed idahhalhom, meta kien ighid li ma jahdimx u kien jircievi biss beneficcji socjali. Il-konkluzzjoni li waslet ghaliha hija li l-attur kellu investimenti f'kontijiet barranin. Jirrizulta wkoll tghid li l-attur huwa direttur ta' Federated Mills Ltd., kif ukoll ta' Pisani Flour Mills.[5] Izzid tghid ukoll li ma hemmx terminu tal-impjieg u li kien jircievi ntrojtu bhala direttur tal-Federated Mills mill-1 ta' Marzu, 2013 sal-31 ta' Marzu, 2013.

Illum tghid li kull wiehed minnhom ghandu credit card separat u li hija ghandha Mastercard u tuza' ukoll BOV Cashlink ghall-ispejjes ta' kuljum.

Dwar relazzjonijiet intimi tghid li dawn kienu ilhom li spiccaw bejniethom.

Il-konvenuta ssemmi li fis-sajf tas-sena 2010, l-attur kien ha diversi oggetti prezzjuzi mid-dar u bieghhom lil Belgravia Auction Gallery u kien jixtri minghandhom ukoll. Tghid ukoll li hafna mill-oggetti li kellhom fid-dar kienu gejjin minn naha tal-familja tieghu peress li kienu jiddilettaw bl-antikitajiet. Tikkonferma wkoll li l-attur kien ha diversi oggetti mid-dar taghhom u dawn kienu gejjin min-naha t'ommu. Meta xtraw id-dar u kienu ghadhom hemm, tghid li fehmet li dawn kienu parti mid-dar. Tikkonferma li l-attur kien ghamel xi xogholijiet fil-post izda fil-maggorparti taghhom kienu qabdu lin-nies. Tikkonferma wkoll li kien l-attur li kien xtara l-appliances.

Il-konvenuta ssemmi li fis-sena 1997 kienu xtraw post ir-Rabat u wara li rrangaw il-post bdew jikruh fis-sena 2002. Tghid li kien ha hsieb kollox l-attur u kien krieha lil certu JKL. Il-konvenuta tikkonferma li qatt ma kienet

[5] Ara Dok. CF1 u CF2

izomm il-kera u kien jehodhom l-attur, izda kien hemm arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma u dan setghet tikkonfermah peress li l-attur kien ircieva ittra ufficjali mill-Qorti f' Novembru, 2014 fejn irrizulta li kien hemm arretrati ta' €3,945.69.

Il-konvenuta tichad li ma kienux jistiednu hbieb id-dar u tghid li kienu warrbuh shabu tax-xoghol peress li kemm il-darba stiednuh biex johrog jiekol maghhom u ma kienx imur.

Dwar l-interess taghha fl-iskola tghid li minn dejjem imxiet id f'id mat-tfal biex zgur jiehdu edukazzjoni tajba u llum it-tnejn li huma waslu sabiex jistudjaw f'livell terzjarju. Apparti minn hekk kienet tohrgohom u anke tistieden lil hbiebhom id-dar. Kienet anke torganizzalhom *parties.*

Il-konvenuta tirreferi ghal Settembru, 2008, meta l-attur kien hareg bis-*sick leave* u qatt ma mar lura ghax-xoghol. Imbaghad f'Mejju, 2009 kien telaq u ha *golden handshake*. Ma kienx taha soddisfazzjon ta' kemm kien ha, izda mix-xhieda rrizulta li kien ircieva s-somma ta' €84,851.86.[6] Minhabba li waqaf jahdem, hi tichad li kien jiehu hsieb kollox l-attur ghax hija kienet tahdem *full-time*. Tghid li dejjem hadmet part-time u xorta kienet tiehu hafna affarijiet fit-tmexxija tad-dar u fit-trobbija tat-tfal. Tispjega li l-attur kien jghaddi hafna hin f'kamartu fuq il-kompjuter u kellu habta ukoll li meta jkunu flimkien jitlaq ghar-rasu u jhallihom.

Il-konvenuta tinsisti li l-attur kien refa' idejh fuqha diversi drabi u kellha taghmel diversi rapporti.[7]

Dwar l-allegazzjoni tal-attur li ma kinitx tikkontribwixxi xejn tinnega kollox u tispjega li kienet tatu GBP 10,000 mill-flus parafernali taghha biex imorru lejn id-dar. Kienet tatu ukoll Lm4,000 li kkienet iddepositat f'kont

---

[6] Ara Dok. L
[7] Ara Dok. N sa R.

joint Mid-Med Bank ‘customer Foreign Currency Accounts’ u dawn kienu flus parafernali. Pero’ tghid li ma kinitx taf x’sar minnhom dawn il-kontijiet meta ma baqghetx tahdem il-Bank. Kellha introjtu wkoll minn kirijiet ta’ xi appartamenti li wirtet flimkien ma’ ommha u hutha u dawn kienu jiddikjarawhom fil-formula tat-taxxa.

Il-konvenuta ssemmi li kellha polza ta’ assikurazzjoni li kienet fethet meta kienet ghadha tfajla u kienet baqqghet thallashom anke fiz-zwieg minn flus li kienet tircievi fil-Milied jew fil-birthday. Meta riedet tirtira l-polza, l-attur kien baqa’ jirrifjuta li jiffirma, li fl-ahhar giet rilaxxata l-polza u tatu €2,500 li kienu iktar minn nofs sehemhu.

Dwar l-art li kienu xtraw l-Imtahleb, tghid li kienu xtrawha fl-2001 u kienet tiswa’ Lm4,000 liema flus kienu sselfuhom minghand omm l-attur. Fl-2004, hu ried ibieghha, izda hi ma xtaqitx u ghalhekk spiccat li xtratha u hallset lil ommu minn flusha parafernali li kellha ddepositati fl-APS Bank.

Il-konvenuta tikkonferma li ddahhal xi kirijiet minn proprjetatjiet li kienet wirtet u dawn min blokk ta’ 4 apartamenti 9, 11, 13 u 15 Marianne Court, Depiro Str, Sliema, flimkien ma’ ommha u ma’ hutha[8] u ghandha wkoll sehem minn erba’ proprjetajiet bin-numri 29, 30, 31, 32 f’Isouard Str, Sliema, izda m’ghandhiex amment li tiehu flus minnhom. Tispjega li mis-sena 1996 sas-sena 2007 kienet dahlet kera fl-ammont ta’ Lm7,257 ekwivalenti ghal €16,904 u mis-sena 2008 sa 2014 is-somma ta’ €11,299.25. Dawn jirrapprezentaw kirijiet fil-maggoranza taghhom sehem ta’ kwart fir-rigward tal-fond Maryanna Court Flats numru 9, 11, 13 u 15, Depiro Street, Sliema kif ukoll sehem ta’ 1/16 mill-fond 30, Isouard Street, Sliema. Il-familja taghha kellhom negozju ta’ F u min-naha ta’ missierha kienet wirtet diversi ishma minn proprjetatjiet. Izzid tghid li ghandha wkoll ‘one-sixteenth’ minn dar fi Triq Lvant, il-Belt. Il-hanut ta’ F ghadu hemm

[8] Ara Dok. RPZ

vojt u ma nbieghx u l-istess kien ighodd ghad-dar fi Triq San Trofimu. Dwar il-fond 264, Strada San Pawl, il-Belt tghid li dan inbiegh, izda ma kinitx hadet il-flus ghax dawn dahlu fid-djun ta' Balbi Ltd.

Il-proprjeta' fi triq Alfons, Tas-Sliema, din kienet inbieghet. Ikkonfermat li ma tiehux kirja mill-fond 92, Triq Depiro, Sliema. Tikkonferma li dan il-fond inbiegh qabel is-sena 1995 u minflok hadu sehemhom ir-rikavat intuza ghar-refurbishment tal-fond St. Paul' s Flats, Depiro Str, Sliema. Il-management ta' dawn il-proprjetatijiet tiehu hsiebhom ohtha u xi kugini, tispjega l-konvenuta.

Tghid ukoll lill-inkwilini tal-fondi 31 u 32 jiddepositaw il-kera l-Qorti u zzid tghid ukoll li hemm parti mill-kera ta' 56, Merchant Str, Valletta u store f' Danny Cremona Str, Hamrun/Pieta'.

Il-konvenuta tistqarr li mis-sena 1990 sas-sena 2006 kienet tghaddi lill-attur cirka nofs il-kera u gieli kien ighidilha zzomha bhala l-allowance taghha. Mis-sena 2007 tikkonferma li ma kinitx tatu flus u dan peress li kienet hallset lil ommu €9,317 (Lm4,000) flus dovuti fuq self biex xtraw l-ghalqa l-Imtahleb.

Tghid li t-taxxa fuq ir-rental allowance kienet tithallas mill-attur u mis-sena 2010 ma baqax ihallas ghax it-taxxa kienet issir permezz ta' *separate computation.*

Il-konvenuta tikkonferma li ilha thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali sa minn 2008. Tinsisti li l-arretrati li hemm mal-Arms jirrizultaw fuq il-fond tar-Rabat u tinsisti li ghandu jhallashom l-attur la darba ha hsieb il-kera hu.

Mill-hosting tal-istudenti kienu dahlu cirka Lm25,000 gross fuq perjodu ta' tnax-il sena u kienu jintuzaw ghall-finanzi tal-familja.

Fl-2005 kienet bdiet tahdem part-time peress li t-tfal kienu tfarfru u tghid li l-attur kien jaf fejn kienet tahdem ghax sa anke l-formoli tat-taxxi kienu jimlew flimkien. Dejjem hadmet part-time bejn Mejju, 2005 u Gunju, 2010 u f' Jannar 2012 kienet regghet bdiet xoghol part-time mal-Allied Newspapers. Dejjem hallset li kien hemm bzonn ghat-tfal. Tghid li l-attur ma jghinx finanzjarjament u jkollha titlob ghajnjuna finanzjarja minghand ommha.

3. **Audrey Ghigo** in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li kien hemm erba' kontijiet bankarji f'isem l-attur.[9] F'isem il-konvenuta kien hemm tmien kontijiet.[10] Ikkonfermat li r-ricerka kienet tmur lura ghas-sena 2012.

4. **Romauld Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma li kien hemm erba' kontijiet f'isem l-attur u dawn huma kollha maghluqin.[11]

   F' isem il-konvenuta rrizulta li kien hemm hdax-il kont bankarju.[12]

5. **Christian Borg**, executive mal-ETC, Hal Far esebixxa l-employment history tal-partijiet.[13] Dwar l-attur ighid li jirrizultalu li huwa mpjegat ma' Federated Mills plc. bhala direttur.

[9] Ara Dok. HSBC 1 – HSBC 4
[10] Ara Dok. HSBC 5 – HSBC 12
[11] Ara Dok. BOV 1 – BOV 4
[12] Ara Dok. BOV 5 – BOV 15
[13] Ara Dok. CB 1 u CB 2

6. **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta jikkonferma li mir-rekords taghhom jirrizulta li l-attur ghandu vettura registrata fuq ismu Toyota Vitz b'numru ta' registrazzjoni GBC 487.[14] Ikkonferma ukoll li ma jirrizultax li kien hemm vetturi rregistrati fuq il-konvenuta.

7. **Stephanie Critien**, manager mac-Central Securities Depository fil-Borza ta' Malta kkonfermat li f'isem l-attur kien hemm holdings li ggib in-numru MSE Account No. 276561. [15] Irrizulta ukoll rendikont f'isem bin il-partijiet Luca Pisani.[16]

8. **Dr. Joseph Vella Baldacchino**, konsulent psikjatra jikkonferma li l-attur huwa pazjent tieghu. Ighid li ma jmurx ghall-vizti regolari. L-ilmenti tieghu kienu jirrigwardaw l-impjieg tieghu mal-Bank. Mid-djanjosi rrizulta li l-attur ibati minn OCPD mhallta bl-OCD u kellu ukoll problemi ta' ansjeta' u nstabbilita' li timmanifesta ruhha d-dar u fil-familja. Irrizultalu ukoll problemi ta' *depression*. Izid ighid li l-OCD kienet tezawrih u kien ihossu ghajjien hafna u ghalhekk il-konvenuta ma setghetx tifhem il-qaghda tieghu.

   Jikkonferma ukoll li l-attur kien qed isegwi ukoll psikologa Mrs. Audrey Sciberras u kien jara ukoll lil Dr. Peter Muscat. Ighid ukoll li kienu jaghmlu *psychotherapy*. Maz-zmien imbaghad l-attur beda jmur b'mod irregolari. Jista' jaghti l-kaz li dan kien minhabba li kien ihossu ahjar, ghax peress li qatt ma kien hemm il-htiega li jigi rikoverat l-isptar, il-kundizzjoni tieghu ma kinitx severa.

[14] Ara Dok. SC 1
[15] Ara Dok. SC1
[16] Ara Dok. SC2

Maz-zmien jidher li l-attur waqa' f'apatija u beda jitlef l-iskop tal-hajja u bdiet tonqoslu l-motivazzjoni.

Dwar il-kura jghid li kienu ppruvaw il-medicini kollha, izda seta' kien il-kaz li l-attur kien ibiddel il-pilloli minhabba l-aspett finanzjarju taghhom.

9. **David Perotti**, HR Manager fl-HSBC Bank Malta plc. ikkonferma li ilu jaf lill-attur ghal 25 sena. Jispjega li mis-sena 2007, l-attur kien ikun fuq *leave* ta' spiss ghall-perjodi twal minhabba diffikultatjiet psikologici u minhabba problemi d-dar. Ic-certifikati kienu minhabba *anxiety depression*. [17]

   Ikkonferma ukoll li l-attur ittermina x-xoghol tieghu mal-Bank fl-1 ta' Mejju, 2009, fejn mal-irtirar tieghu ha €84, 851.86 u thallas dakinhar tal-irtirar tieghu.[18]

10. **Raymond Zerafa** huwa direttur mal-Federated Mills Company Limited u jispjega li minn Awwissu 2008 u Awissu 2010, l-attur kien *roaming director* u mbaghad ix-xoghol tieghu bhala direttur gie tterminat. Dwar il-fatt li kien jidher mal-ETC bhala *resigned* ighid li dan kien zball.

    Jishaq illi s-socjeta' Federated Mills Company Limited hija maghmula minn numru ta' kumpaniji (merger) u l-attur kien jirrapprezenta lil Pisani Flour Mills Limited. Ma setax jikkonferma x'ismha kellha Pisani Flour

[17] Ara Doks. DPA – DP F
[18] Ara Dok. DP u DP1

Mills Limited fis-socjeta' Federated Mills Company Limited. Ipprezenta l-FS3's tal-attur ghas-sena 2009, 2010, 2011 u 2013.[19]

11. **John Caruana** mpjegat bhala senior official mal-HSBC Bank Malta plc. u jikkonferma li kien jahdem mal-attur ghal erba' snin fic-Centru Ruzar Briffa, Hal Qormi. Jistqarr li l-attur kien jitkellem hafna mieghu u kien jaghtih l-impressjoni , li apparti mix-xoghol tieghu kien moghbi bix-xoghol tad-dar, ghax il-konvenuta ma tantx kienet attiva f' dak li ghandu x'jaqsam mat-tmexxija tadd-dar u ta' uliedhom.

12. **M sive NB**, omm l-attur ikkonfermat li kienet ghaddiet diversi oggetti antiki lill-attur cirka sittax-il sena qabel.[20] Il-valur huwa ta' €1625, pero' l-valur ma jinkludix l-oggetti mmarkati bil-blu, ghax dawn ftakret dwarhom wara. Dwar il-gjollerija tghid li ma tafx fejn tinstab. Il-valuri tghid li waslet ghalihom bl-imaginazzjoni taghha. Il-*gold chain with cross*, *id-diamond ring u s-seal* tghid li tathom lill-attur qabel iz-zwieg.

Tikkonferma li dawn l-oggetti qedghin fil-fond 9, Milner street, Sliema u jinstabu fl-kamra tal-ikel u fis-salott.

13. **Raymond Gingell Littlejohn** jghid li kien mar fil-fond 9, Milner Street, Sliema, fuq talba tal-attur u fil-presenza tieghu kien ghamel valutazzjoni tal-oggetti li ndikalu. Fejn m'ghamilx valutazzjoni dan kien minhabba li l-

[19] Ara Dok. RZ1 – RZ17
[20] Ara Dok. LP 1 u LP 2

oggetti ma kellhomx valur jew inkella kienu tal-konvenuta. Jikkonferma li l-prezz jirrifletti l-valur tal-irkant.

Jikkonferma li l-attur kien ilu jafu ghal xi hamsin sena u kien jixtri hafna minghandu, izda qatt ma bieghhlu xejn, hlief forsi b'mhux iktar minn €200.[21] Ighid ukoll li jista' jaghti l-kaz li kien jixtri biex ibiegh.

14. **Joseph Sammut,** rapprezentant ta' Belgravia Auction Gallery ipprezenta lista ta' oggetti li rcieva minghand l-attur ghall-bejgh, [22] flimkien mal-prezzijiet taghhom.[23] Jispjega li l-attur kien attenda ghal diversi irkantijiet u jindikahom[24] fejn l-attur kien ghamel diversi akkwisti.[25] Jikkonferma li l-item 4S kien gie rritornat.

15. **Il-Perit Edgar Caruana Montalto** kien ghamel valutazzjoni ta' tlett postiiet u cioe:-

i) 25, Alley 3, Bir- ir-Riebu Str, Rabat;

ii) 9, Milner Str, Sliema;

iii) Bicca art l-Imtahleb.

Il-valutazzjoni ghamilha fuq il-market value tas-sena partikulari.[26]

16. **Joseph Caruana**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. kkonferma li kien hemm hames kontijiet f'isem l-attur li huma lkoll maghluqin. [27]

---

[21] Ara Dok. RGL 1 – RGL 10
[22] Ara Dok. JS
[23] Ara Doks. X1 – X6
[24] Ara Dok. X7
[25] Ara Doks X8 – X15
[26] Ara Doks. ECM 1 – ECM 3
[27] Ara Doks. JC 1 – JC

Fosthom isemmi li kien hemm *savings account* li huwa maghluq, kif ukoll *interest disposal account* li fih imorru xi interessi minn *term deposits.*[28]

17. **Audrey Ghigo**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamilt irrizultawlha s-segwenti kontijiet :-

i) Kont kurrenti 025018128001[29]

ii) Kont savings 025018128451[30]

iii) Savings account 043029042050[31]

iv) Zewg kontijiet ta' credit cards

v) Kont ta' credit card li nfetah fil-31 ta' Awissu, 2011.

vi) Kien hemm loan account li kien kongunt bejn il-partijiet u nghalaq fid-9 ta' Dicembru, 2006.[32]

vii) Zewg kontijiet ta' credit cards li llum jinstabu maghluqin, kif ukoll kont iehor fuq credit card li jgib in-numru 456 8821 2202 26935 li ghadu miftuh u jinstab intestat fuq l-attur u sat-28 ta' Novembru, 2014 kien hemm kreditu ta' €1, 047.29[33].

18. **Elisa Agius**, skrivana mal-Borza ta' Malta pprezentat rendikont ta' *stocks, funds, securities u bonds* u investimenti f'isem l-attur. [34] Tikkonferma li mis-sena 2007 sal-lum kienu sehhew diversi transazzjonijiet.[35] Rigward

[28] Ara Dok. JCA u JCB
[29] Ara Dok. AGA 1
[30] Ara Dok. AGA 2
[31] Ara Dok. AGA 3
[32] Ara Dok. AGA 4
[33] Ara Doks. AGA, AGC U AGB
[34] Ara Dok. EA
[35] Ara Dok. EA 2

Sec ISIN MT 0000110107 IHI tghid li dawn huma ordinary shares li nbieghu fl-10 ta' Mejju, 2007 ghall-prezz ta' Lm1.08 mill-HSBC.

Rigward Sec MT 0000 3901 05 Maltapost plc. Ordinary Shares jirrizulta li l-attur akkwista 2200 shares fit-28 ta' Mejju, 2010 bil-prezz ta' €0.87. Tikkonferma li l-bqija tas-shares ghadhom f'idejn l-attur.

19. **Mark Vella**, bhala head tal-Business Department tal-Valletta Fund Management jikkonferma li kien hemm fund wiehed f'La Vallette Euro Malta Money Fund (Euro). Izid ighid li fit-28 ta' Mejju, 2009 kien investa €72, 000 u fit-28 ta' Ottubru, 2009 kien gibed €60, 000 u fis-6 ta' Lulju, 2010 kien ghalaq il-kont u gibed il-bilanc li kien ghad hemm ta' €12,754.41.[36]

20. **OP**, oht il-konvenuta tistqarr li minkejja li l-attur kien telaq lill-konvenuta diversi drabi, meta ddecidew li jizzewwgu kien sar kollox bl-ghaggla. Tghid li ghal bidu kienu jmorru ghand il-genituri taghhom ghall-ikla tal-Hadd, imbaghad bdew johorgu bil-karozza flimkien ma' omm l-attur.

Tghid li kienet ratha stramba, li meta twieled it-tifel tal-partijiet D l-attur kien baqa' jorqod fil-kamra tas-sodda tieghu u ma kienx irid minn iqajmu u ghalhekk, il-konvenuta kienet torqod mat-tifel.

Maz-zmien bdiet tinduna li l-agir tal-attur fil-konfront tal-konvenuta ohtha ma kienx wiehed sabih u l-konvenuta stess kienet fethet qalbha maghha li l-attur kien imaqdarha, ighajjarha u joffendiha. Tghid ukoll li gieli kienet prezenti meta l-attur kien jibda jghajjar lil ohtha.

[36] Ara Dok. MV

Tikkonferma li l-konvenuta kienet marret ghal zmien *counselling* mal-Moviment ta’ Kana. Tghid li ohtha hija mara tal-familja u dejjem iddedikat il-hin taghha ghat-tfal u stinkat ghalihom.

Tispjega li fil-Milied tas-sena 2008, kien inqala’ xi dizgwid bejn il-partijiet u minn dakinhar, l-attur ma tantx baqa’ jiffrekwenta d-dar tal-genituri taghhom u anke huma bdew ihosshom skomdi jmorru d-dar tal-partijiet jew icemplu fuq il-landline, tant hu hekk li dejjem kienu jikkomunikaw mal-konvenuta u t-tfal permezz tal-mobile, ghax minhabba c-cirkustanzi, l-attur ma tantx kien ihalli t-tfal jigu ghandhom, meta kien jehodhom m’ ommu u ma’ hutu.

Tikkonferma li fix-Xitwa, 2010, wara li kienet cemplitilha l-konvenuta, kienet haditha l-ghassa sabiex taghmel rapport fuq l-attur li kien refa’ idejh fuq ohtha.

Oht il-konvenuta ssemmi diversi incidenti fejn l-attur kien refa’ idejh fuq il-konvenuta jew kien aggressiv, tant li fis-sajf 2010, il-konvenuta kienet marret tghix ftit granet ghand il-genituri taghha, flimkien mat-tifla u dan minhabba l-agir vjolenti tal-attur. Tikkonferma ukoll li l-attur kien irrabbja hafna mal-konvenuta peress li kienet ghamlet mandat ta’ impediment ta’ partenza meta saret taf li l-attur, minghajr il-kunsens taghha kien ibbukkja btala ghall-Korfu mat-tfal.

Oht il-konvenuta tghid li minn dejjem ippruvat tghin lil ohtha fejn setghet u peress li l-konvenuta ma kinitx issuq, kienet tghinha bil-lifts ghat-tfal.

L-attur kien ighid li l-konvenuta kienet an "unfit mother" u ma kienx dispost li jitlaq mid-dar peress li kien jibza' jhalli lit-tfal m'ommhom ghax ma jafdahiex. Kien jheddidha li jcempel lis-Social Services.

Ikkonfermat ukoll li l-attur kien telaq mill-impjieg tieghu mal-HSBC Bank Malta plc. u dan meta kien ghadu ghandhu tfal zghar u spicca li l-piz finanzjarju waqa' fuq il-konvenuta. Oht il-konvenuta kkonfermat ukoll li l-attur hallas manteniment lil martu sa Dicembru, 2008 u peress li l-introjtu tax-xoghol part-time tal-konvenuta ma kienx irendilha, hi, flimkien ma' omm il-konvenuta kienu ghenuha finanzjarjament sabiex tlahhaq mal-ispejjes tal-kontijiet. Omm il-konvenuta tghaddilha somma mill-pensjoni taghha u x-xhud tghaddilha ukoll il-flus sabiex tlahhaq anke mal-ispejjes tal-edukazzjoni tat-tfal. Kienet anke xtrat kompjuter ghall-minuri Francesca.

21. **Andre' Catania**, manager fl-HSBC Bank Malta plc huwa Segretarju tal-Fondazzjoni Mid-Med Employees Fund u kkonferma li l-attur kien impjegat mal-Mid-Med u l-HSBC u li huwa ntitolat ghal 33 units li jimmaturaw fis-sena 2017. Dawn jirraprezentaw unit ghal kull sena servizz li jkun ta' lil Mid-Med u l-HSBC u dawn jammontaw ghal €6, 483.84 u cioe' bir-rata ta' €196.48 kull unit u dan skond stima tas-sena 2015. Ighid li l-ammonti vvarjaw skond is-sena u jiehduh meta jaghlqu 61 sena. L-ammont huwa tax free u ghalhekk l-attur kellu jehodhom f' April, 2017.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

L-attur jattribwixxi l-htija tas-separazzjoni lill-konvenuta minhabba adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi. Da parti taghha, il-konvenuta taqbel illi l-hajja matrimonjali tkissret irrimedjabilment, izda li dan sehh unikament tort tal-attur u fil-kontro-talba taghha adduciet bhala l-kawza tat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti eccessi, minacci, sevizzji u ngurji gravi kif  ukoll vjolenza ripetuta, mohqrija u theddid mill-attur fil-konfront taghha.

**<u>Eccessi</u>**

Il-kontendenti t-tnejn jattribwixxu lil xulxin il-htija ta' eccessi. Sabiex l-eccessi jissodisfaw l-estremi rikjesti mil-ligi, jehtieg li jkunu tali li jikkagunaw atti ta' vjolenza gravi fil-konfront tal-parti l-ohra, tant li jipperikolalu hajtu. Mir-rizultanzi processwali l-konvenuta fl-ebda hin ma jirrizulta li kkagunat xi eccessi fejn setghet wegghat lill-attur.

Fil-konfront tal-attur, jirrizulta li kien hemm diversi incidenti fejn l-attur kien vjolenti fil-konfront tal-konvenuta, pero' fl-ebda mument ma jirrizultaw li kienu ta' tali gravita' li setghu poggew hajjet il-konvenuta fil-periklu.

Ghaldaqstant, mill-analizi tas-suespost, ma jirrizultax li xi wahda mill-partijiet hija hatja ta' eccessi.

**<u>Sevizzi u Mohqrija</u>**

Minkejja li l-ligi tikkontempla l-mohqrija bhala raguni ta' htija ghat-tifrik taz-zwieg, il-gurisprudenza nostrana turina li l-kelma « sevizzi » ghandha

l-istess sinifikat ta' minacci u cioe' atti vjolenti li jrendu l-hajja konjugali impossibbli, anke jekk ma jippregudikawx hajjithom.

Il-Perit Legali Dr.L udvic Caruana jsemmi diversi incidenti minn fejn jirrizulta li kien hemm atti sevizzjevoli fil-konfront tal-konvenuta kommessi mill-attur. L-atti *per se* mhumiex tali li kienu daqstant gravi, pero' kienu bizzejjed atti ta' krudelta' li saru ripetutament, tant li jammontaw ghal sevizzi u mohqrija.

Mill-provi ssemmew l-incidenti li sehhew fit-23 ta' Jannar, 2010[37] u fis-16 ta' Marzu, 2010[38] fejn l-attur, wara argument jekk it-tifla minuri kellhiex tigi operata fit-tunsilli, spicca jinsulenta lill-konvenuta, aggreddiha u keccieha barra mid-dar. In segwitu ghal dan l-incident, l-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fejn instab hati taht l-Artikolu 339(1)(e) u 221(1) tal-Kapitolu 9 u l-Qorti kkundannatu xahrejn prigunerija sospiza ghal sentejn, filwaqt li harget ordni ta' protezzjoni favur il-konvenuta.[39]

Isemmew incidenti ohra bhall-1 ta' Dicembru, 2010[40], is-17 ta' Dicembru, 2010,[41] fis-26 ta' Jannar, 2011[42] u fit-30 ta' Marzu, 2011[43] fejn l-attur instab hati talli hedded u insulenta lill-konvenuta.

Oht il-konvenuta tikkorrobora dawn l-incidenti stante l-fatt li l-konvenuta kienet tiftah qalbha maghha dwar il-qaghda ta' relazzjoni taghhom u l-bezghat li kellha:-

> *« Ghalkemm ma kontx nindahlilha jien dejjem ippruvajt inkun ta' ghajnuna lil ohti f'dawn iz-zminijiet difficli. Roberta kienet fethet*

[37] Ara Dok. RXP 1
[38] Ara Dok. RXP 2
[39] Ara Dok. Q a fol.204
[40] Ara Dok. RXP4
[41] Ara Dok. RXP 3
[42] Ara Dok. 196
[43] Ara Dok. 199

*qalbha mieghi numru ta' snin wara u qaltli li minn kmieni fiz-zwieg taghhom kien refa' idejh fuqha. Dan kien jinkwetani hafna ghaliex Ray kellu tempra gmielha u huwa ragel kbir u b'sahhtu u kont nikkonfondi ghaliha ghaliex Roberta mhix xi mara kbira. »*

Dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali li ghalkemm l-attur jakkuza lill-konvenuta li hija hatja ta' sevizzi u mohqrija, il-provi f'dan is-sens huma fjakki ghall-ahhar biex iwassal lil dina l-Qorti tiddeciedi li l-konvenuta hija responsabbli ta' sevizzi u minacci.

**<u>Vjolenza Psikologika u Fizika</u>**

Kif diga' gie sottolineat minn dina l-Qorti, il-konvenuta pproduciet diversi provi, issostanzjati minn sentenzi u kkonfermati mill-istess attur fejn jirrizulta inekwivokabbilment li giet assoggettata ghal insulti kontinwi, tghajjir u tmaqdir, tant li l-konvenuta stess tammetti li tant kienet tkissret emozzjonalment u psikologikament, li kellha tirrikorri ghall-ghajnuna u counselling tal-Cana Movement u damet isegwihom.

S'intendi dawn l-abbuzi emozzjonali u psikologici inhassu iktar meta giet assoggettata ghal ftit episodji ta' aggressjoni da parti tal-attur.

Dina l-Qorti hija iktar konvinta li l-verzjoni tal-konvenuta hija verosimili u dan minhabba l-komportament tal-attur fil-konfront ta' dina l-Qorti u anke lejn l-avukat difensur tal-konvenuta, li huwa dispreggjattiv.

**<u>Adulterju</u>**

L-attur akkuza lill-konvenuta ta' adulterju, izda mill-assjem tal-provi ma tezisti l-ebda evidenza li l-konvenuta kienet responsabbli ta' infedelta' u ghaldaqstant dina l-Qorti mhix ser tikkunsidra dan l-estrem.

**Theddid/Minacci/Ingurji Gravi**

Dwar theddid u minacci u ngurji gravi, mir-rizultanzi processwali, li diga' ttrattat dina l-Qorti jezistu provi sufficjenti li kien hemm ta' spiss okkazzjonijiet fejn l-attur kien imaqdar u jinsulenta lill-konvenuta u jiddeskriviha bhala « unfit mother. » Jekk dawn ma kienux iwasslu ghal theddid jew minacci, zgur li uhud mill-provi li tressqu jinkwadraw ruhhom bhala ingurji gravi u dan peress li f'certi drabi l-incidenti kienu jkunu eccessivi u kienu jsiru vjolenti u jistghu jitqiesu ngurji gravi, izda mhux tali li ppregudikaw hajjet il-konvenuta.

Fil-konfront tal-konvenuta, ghal darb'ohra l-attur ma ressaq ebda prova sufficjenti sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li l-konvenuta setghet kienet responsabbli f'dan is-sens ghat-tifrik taz-zwieg.

**KURA U KUSTODJA**

It-tfal tal-kontendenti E u  llum huma lkoll maggorenni u ghalhekk dina l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tippronunzja ruhha iktar fuq il-kura u kustodja taghhom.

**DATA TAL-HTIJA**

Huwa difficli sabiex dina l-Qorti tasal biex tiddetermina d-data preciza li fiha l-attur irrenda ruhu hati ghat-tifrik taz-zwieg u dan iktar u iktar meta kien hemm diversi incidenti bejn il-kontendenti. L-ewwel incident serju li wassal lill-konvenuta sabiex taghmel rapport kontra l-attur kien fis-16 ta' Marzu, 2010 (ara l-estremi ta' sevizzi u minacci li gew ittrattati iktar 'il fuq minn dina l-Qorti), fejn, fuq ammissjoni tieghu stess kien instab hati.

**L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 51 U 52**

Illi z-zewg partijiet talbu lil dina l-Qorti tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u minn 51 sa 61 tal-Kodici Civili (Kap.16) tal-Ligijiet ta' Malta.

Hija prassi ta' dina l-Qorti li d-dekadenza ai termini tal-Artikolu 48 hija tassattiva biss fil-kazijiet ta' adulterju u abbandun, li mhumiex l-estremi li wasslu ghal dina s-separazzjoni. Ghalhekk isegwi li hija fid-diskrezzjoni ta' dina l-Qorti jekk ghandhiex tapplika s-sanzjonijiet f'dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi. Tenut kont li l-attur qed jinzamm responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, dina l-Qorti taqbel mar-rakkommandazzjonijeit tal-Perit Legali li ghandhom jigu applikati kontra l-attur id-disposizzjonjiet tal-Artikolu 48 u dan bl-applikazzjoni tal-artiklu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**MANTENIMENT**

Dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr. Ludvic Caruana, it-tifel D llum ghandu izjed minn 23 sena u ghaldaqstant ma tezisti ebda raguni fil-ligi li jiggustifika li l-attur ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment tieghu.

Dwar it-tifla E,  minkejja li llum hija maggorenni, hija ghadha qed tistudja ghall-Masters u l-istess attur ma jikkontestax li ghandu jikkontribwixxi lejn l-manteniment tal-istess bint, sakemm taghlaq 23 sena. Li qed jikkontesta l-attur huwa li jhallas iktar minn €200 stante li minhabba ragunijiet tas-sahha jinstab minghajr impjieg. Dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonjiet

raggunti mill-Perit Legali f' dan ir-rigward u zzid tghid li mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-attur, minkejja li kien irtira mill-Bank b'pakkett tal-irtirar, kellu introjtu iehor u dan huwa car anke mill-istatements bankarji li gew ipprezentati, fejn il-konvenuta ppruvat li kien hemm infiq esagerat da parti tal-attur, li ma jistax iwassal lil dina l-Qorti biex ma jikkonkludix mod iehor u cioe' li kellu introjtu iehor.[44] Skond ix-xhieda tar-rapprezentant tal-ETC jirrizulta li l-attur serva bhala Direttur mal-Federated Mills plc, izda mbaghad ma baqax. Mill-FS3 tal-kumpanija jirrizulta li bejn l-2009 u 2013 kien ircieva cirka €20,000 grossi.[45]

Fid-dawl ta' dan kollu, dina l-Qorti taqbel li l-manteniment ghat-tifla E ghandu jizdied ghal €250 fix-xahar, kif propost mill-Perit Legali, u dan sakemm l-istess bint tibqa' tircievi l-edukazzjoni jew tahrig u tkun ghadha taht l-eta' ta' 23 sena.

Dwar il-manteniment bejn il-partijiet huwa evidenti li ma hemmx insistenza da parti taghhom biex ikun hemm hlas ta' alimenti. Ciononostante, illum il-konvenuta tahdem u minn dejjem kienet kapaci tmantni lilha nnifisha u anke lil uliedha u sahansitra tircievi ukoll diversi ammonti bhala kirijiet ta' proprjeta' li jifformaw parti mill-wirt familjari. Ghaldaqstant ma tezistix il-htiega li jkun hemm dan il-kontribut.

## <u>ARRETRATI GHALL-ISPEJJEZ TAT-TROBBIJA TAL-ULIED D u E.</u>

Fil-mori tal-proceduri, l-attur jammetti li minkejja li kien jaghmel xi hlasijiet ghall-uliedu, ma kienx ihallas ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Huwa minnu li waqaf mix-xoghol u kienet tahdem il-konvenuta part-time

[44] Ara rapport tal-perit legali a fol. 50
[45] Ara Doks. CB 1 u RZ 1

biex il-familja tkampa, flimkien maz-zamma tal-istudenti barranin. Madanakollu, kif irrizulta minn dina l-kawza, l-attur kellu introjti ohra u dan huwa kkonfermat kemm mid-diversi transazzjonijiet mill-kontijiet bankarji tieghu, kif ukoll mix-xhieda prodotta u ghalhekk xejn ma jiggustifika l-fatt li ma kienx f'qaghda finanzjarja li jghin fil-bzonnijiet ta' uliedu specjalment fejn kien jirrigwarda l-edukazzjoni u sahhithom.

Il-konvenuta jirrizulta li b'tant sagrificcji hallset sabiex D jattendi kors ta' 'master's degree' f' Cork l-Irlanda fil-Marine Biology. Issemmi €10, 000 pero' provi in sostenn ta' dan il-hlas ma ngabux, izda m'hemmx kontestazzjoni li Luca ggradwa bil-Masters u indubbjament l-ispejjes huma sostanzjali, tant li l-attur anke wasal biex ihallas ghall-akkomodazzjoni, izda ukoll provi f'dan is-sens ma ngabux, izda lanqas ma gie kkontestat mill-konvenuta.

Il-konvenuta ukoll ipprezentat diversi rcevuti ta' spejjes li inkorriet relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tal-edukazzjoni, Il-perit legali wasal sabiex ikkwantifikahom ghas-somma ta' €5, 878.50.

Il-Perit Legali wasal sabiex ikkalkula *arbitrio boni viri* li l-attur ghandu jhallas is-somma ta' €10,000 lill-konvenuta bhala spejjez relatati mat-trobbija tal-ulied. Dina l-Qorti ma tqabilx ma' dina l-kalkolazzjoni u dan stante li l-konvenuta kellha l-mezzi kollha fil-ligi sabiex tirrimedja l-posizzjoni taghha u titlob li l-attur jikkontribwixxi ghal tal-anqas ghan-nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha. Dan ma sarx, pero' ma jkunx gust lanqas li l-attur jahrab minn dawk li huma r-responsabbilitajiet tieghu u ghalhekk issir gustizzja jekk kemm il-darba l-attur ihallas is-somma ta' €5,500 rapprezentanti nofs l-ispejjes inkorsi ghal E u cioe' s-somma ta' €2, 939.25, kif ukoll bhala sehemhu mill-ispejjes inkorsi ghall-edukazzjoni ta' Luca barra minn Malta.

**KREDITU IEHOR**

Illi l-attur talab li l-konvenuta taghmel tajjeb ghad-dejn li hemm fuq il-kont tad-dawl u ilma fil-fond ta' Triq Bir ir-Riebu, ir-Rabat. Dina l-Qorti diga' rriteniet li l-verzjoni tal-konvenuta f'dan ir-rigward kienet kredibbili u dan peress li wara li kkonfermat mal-Arms u kienu naqsu l-kont, kienet ghamlet diversi pagamenti hija stess u l-attur kien hallas xi bilanc, kif spjegat aktar 'il fuq. Il-konvenuta tinsisti li m'ghadx hemm izjed spejjez x'jithallsu u provi biex jirrabidixxi din it-tezi m'hemmx, izda jekk *in pessima ipotesi* jirrizulta li kien hemm iktar dejn, tenut kont tal-fatt li l-attur ma kienx iggestixxa l-kirja tajjeb, dan id-dejn ghandu jigi assunt minnu.

Jirrizulta wkoll li fil-mori tal-kawza, il-konvenuta hallset diversi spejjez relatati ma' kontijiet tad-dar matrimonjali u li dawn thallsu minn flusha. Il-Perit Legali jelenka dawn il-kontijiet u in sostenn tal-pagament taghhom, il-konvenuta pprezentat diversi rcevuti fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2016.[46]

Ghaldaqstant, peress li dawn l-ispejjez thallsu interament mill-introjtu generat mill-konvenuta u gew inkorsi wara s-16 ta' Marzu, 2010, l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta nofs dawn l-ispejjes u cioe' s-somma ta' €1,000.35.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Perit Legali elenka l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bhala tali:-

i) Id-dar matrimonjali u cioe' l-fond numru 9, Triq Milner, Sliema li kienet valutata li tiswa' tlett mija u hamsin elf Ewro (€350, 000) mill-

[46] Ara Doks. AP 4 – AP 11.

Perit Alan Saliba[47] kif ukoll tiswa’ tlett mija, tlieta u sebghin elf Ewro (€373,000) skond il-Perit Edgard Caruana Montalto.[48]

ii) Proprjeta’ immobbli ohra jigifieri:-

a) Fi triq Bir ir-Riebu, fir-Rabat, Malta li kienet valutata sebghin elf Ewro (€70, 000) mill-Perit Alan Saliba[49] u valutata tmienja u hamsin elf Ewro (€58,000) mill-Perit Edgard Caruana Montalto.[50]

b) Art fil-kontrada tal-Imtahleb fil-limiti tar-Rabat, Malta li kienet valutata li tiswa’ tnejn u ghoxrin elf Ewro (€22,000) mill-Perit Alan Saliba[51] u li tiswa’ ghoxrin elf Ewro (€20,000) mill-Perit Edgard Caruana Montalto.[52]

iii) Flus f’ kontijiet bankarji

iv) Titoli mizmumin fil-Borza ta’ Malta u titoli ohra

v) Vettura Toyota Vitz bin-numru ta’ registrazzjoni GBC 487

vi) Kreditu iehor bejn il-partijiet

vii) Introjtu bejn il-konjugi

[47] Ara fol. 304
[48] Ara Dok. VD 1
[49] Ara fol. 315
[50] Ara Dok. VD 2
[51] Ara fol. 309
[52] Ara Dok. VD 3

viii) Mobbli fid-dar matrimonjali

## Dar Matrimonjali

Illi dwar id-dar matrimonjali u cioe' l-fond numru 9, Triq Milner, Sliema. Hemm qbil bejn il-partijiet li d-dar inxtrat fiz-zwieg u ghaldaqstant tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Addiritura t-tnejn li huma jikkonfermaw li kienu hadu loan mill-Mid-Med Bank dak iz-zmien sabiex jakkwistaw dan il-fond. Il-kontestazzjoni hija rigward il-kontribut parafernali tal-partijiet. L-attur jinsisti li kien ikkontribwixxa Lm20, 000 li akkwista mir-rikavat tal-bejgh tad-dar numru 91 Mary Street, Sliema, kif ukoll mill-bejgh tal-post Old College Street, Sliema s-somma ta' LM8,750. Il-konvenuta tinsisti li dan l-ammont pretiz mill-attur kien eccessiv u li parti mill-Lm20,000 kienu ntuzaw sabiex jithallas l-loan li kien fadal fuq l-akkwist tad-dar numru 91, St. Mary Street, Sliema.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-fond ta' St. Mary Street, inbieghet u ghalkemm l-attur ipproduca l-kuntratt ta' bejgh, naqas li jipproduci provi konvincenti li dan ir-rikavat intuza ghall-akkwist tad-dar matrimonjali. Rigward l-bejgh tal-fond f' Old College Street, ma rrizultaw l-ebda provi.

Minn naha l-ohra, il-konvenuta tikkontendi li kellha GBP 10,000 f'kont l-Inghilterra mar-Royal Bank of Scotland u kienet talbithom johorgu cekk f'isem l-attur u dan bhala kontribut ghall-akkwist tad-dar matrimonjali.[53] Fl-ebda mument gie kkontestat dan il-fatt mill-attur.

Dina l-Qorti ghalhekk tikkonkludi l-istess bhala Perit Legali li l-konvenuta kkorroborat it-tezi taghha bid-dokumenti bankarji u li effettivament hemm

[53] Ara Doks. A1- A3

prelevament favuriha fl-ammont ta’ Lm5,781 u cioe’ ekwivalenti ghal GBP 10,000.

**<u>Proprjeta’ immobli ohra</u>**

Il-partijiet mhux qed jikkontestaw li huma sidien tal-proprjeta’ numru 25, Alley 3, Triq Bir ir-Riedu, Rabat u tar-raba fl-Imtahleb. Il-post tar-Rabat kien krieh l-attur u kien hemm problemi bl-inkwilina, tant li lanqas kien ha hsieb dwar il-pagamenti tas-servizzi tad-dawl u ilma u spiccaw b’arretrati ta’ Lm4,000. Il-konvenuta tikkonferma li bdew jigru warajhom tal-Arms u spiccat li fuq l-insistenza taghha l-kont tnaqqas ghal cirka €2, 800, li minnhom hallset €1,000 u l-attur u kien hallas il-bilanc li kien fadal.

Fuq ir-raba tal-Imtahleb, mhux kontestat li din tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda gie ppruvat li l-attur ried ibiegh l-istess proprjeta’ u l-konvenuta opponiet ghax xtaqet li tibqa’ tifforma parti mill-proprjetajiet taghhom. Biex intlahaq ftehim l-konvenuta kellha tissellef is-somma ta’ LM4,000 (ekwivalenti ghal €9,317.51) minghand ommha sabiex takkwista din il-proprjeta’. Dan is-self, jirrizulta mill-provi, gie saldat minn flus parafernali tal-konvenuta.

**<u>KONTIJIET BANKARJI</u>**

Fil-mori tal-kawza gew ipprezentati diversi rapprezentanti tal-banek lokali, li xehdu dwar id-depoziti bankarji tal-partijiet. Mill-kawza stess, il-konvenuta saret taf li l-attur kien ircieva *lump sum payment* minhabba li kien ha l-*early retirement package* mix-xoghol tieghu mal-Mid-Med Bank, illum HSBC Bank Malta plc. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li kien ircieva s-somma ta’ €84, 851.86 bhala flus u minghajr ma nforma lill-konvenuta bl-ammont kien

iddepositahom fil-Bank  Nat West l-Inghilterra. Minkejja diversi promessi, l-attur qatt ma esebixxa kopja tal-istatements tieghu bankarji mal-istess Bank. Addiritura kienet il-konvenuta stess li esebit korrispondenza li saret bejn l-attur u l-bank Nat West. Meta mistoqsi x'ghamel b'dawn il-flus, l-attur jispjega li nofshom kien uzahom ghall-hajja u biex isiefer lit-tfal, izda ghal darb'ohra naqas li jipproduci d-dokumenti relattivi in sostenn ta' dina l-allegazzjoni.

Dina l-Qorti taqbel ukoll mar-ragunament tal-Perit Legali Dr. Ludvic Caruana li osserva li ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, tkun haga ingusta li l-ammont intier li rcieva l-attur bhala *early retirement package* ghandu jigu kkalkolat interament, meta indubbjament hemm parti minnhom jkopru perjodu qabel iz-zwieg. Il-Perit Legali jkompli biex jghid li tenut kont tal-fatt li l-attur beda l-impjieg tieghu mal-HSBC Bank Malta plc fl-1 ta' Gunju, 1976, u zzewwgu fit-2 ta' Settembru, 1990, filwaqt li rtira fl-ahhar ta' April, 2009, l-ammont li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-komunjoni tal-akkwisti hija biss is-somma ta' €47,990.98.

Ghaldaqstant, in vista ta' dan, il-konvenuta ghandha tipprevalixxi ruhha minn nofs dan l-ammont u cioe' ghandha tircievi s-somma ta' €23,995.49.

Dwar il-kontijiet bankarji l-ohra, il-Perit Legali elenka d-diversi kontjiet tal-partijet fir-rapport tieghu. Dina l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet raggunti mill-istess Perit Legalii u taghmilhom taghha:-

> *« Dawn il-kontijiet lokali kollha jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti peress illi gew attivati kollha waqt iz-zwieg tal-kontendenti. Peress illi hu rakkomandat li din il-Qorti tapplika d-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, mis-16 ta' Marzu, 2010 'l quddiem, l-attur ma jistax igawdi mill-introjtu li ghamlet il-konvenuta wara din id-data. Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-esponenti jhoss li l-*

*konvenuta m'ghandhiex tkun ikkundannata taqsam dak li hemm fil-kontijiet bankarji intestati f'isimha mal-attur. Dan ghaliex porzjon konsiderevoli tal-flus fil-kontijiet intestati f'isimha gew depozitati wara s-16 ta' Marzu, 2010. »*

L-istess ghandu japplika ghall-kwalsiasi dejn li ghandu l-attur u dan meta dina l-Qorti qieset mir-rizultanzi processwali li kien b'xi mod qed imexxi negozju minn fuq l-internet, fejn ibiegh u jixtri oggetti antiki.

**<u>TITOLI MIZMUMA FIL-BORZA TA' MALTA U TITOLI OHRA</u>**

Jirrizulta mill-provi li l-attur ghandhu ntestati f'ismu mal-Borza ta' Malta s-segwenti titoli:-

a. 2,500 – 4.6% HSBC Bank Malta plc Euro Bonds 2017 (MT 0000031220)
b. 5,000 – 4.8% Bank of Valletta plc Subordinate Bonds 2020 (MT 0000021270)
c. 4,000 – 5.35% Bank of Valletta plc Subordinate Bonds 2019 (MT 0000021262)
d. 4,941 – Bank of Valletta Ordinary Shares (MT 0000020116)
e. 2,500 – Go plc. Ordinary Shares (MT 0000090101)
f. 2,000 – Malta International Airport plc Ordinary Shares (MT 00000250101)
g. 2,200 – Maltapost plc Ordinary Shares (MT 00000390105)
h. 1,000 – Go plc. Ordinary Shares (MT 0000090101)

Dawn il-bonds u shares kollha jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet f'ishma ndaqs.

Jirrizulta ukoll li kien hemm intestati f'isem l-attur mal-Fondazzjoni Mid-Med Employees Fund, 33 units li mmaturaw fis-sena 2017.[54] F'dan il-kaz, il-konvenuta ghandha tircievi nofs il-percentwal ta' 56.56% mir-rikavat li jkun generat minn dawn il-units meta mmaturaw fl-2017 u dan peress li l-attur kien ilu jahdem mal-Mid-Med Bank sa minn qabel iz-zwieg u ghalhekk il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ghandha ssir *pro rata* kif spjega tajjeb il-Perit Legali fir-rapport tieghu.

**<u>VETTURI</u>**

Fil-komunjoni jirrizulta li kien hemm biss il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni GBC 487, b'valur ta' €4,000.[55] Il-valutazzjoni saret zmien ilu u ghalhekk dina l-Qorti taqbel mar-ragunament tal-Perit Legali li l-valur ghandu jitnaqqas ghal €2,600 *arbitrio boni viri* u l-istess attur ghandu jkun ikkundannat ihallas lill-konvenuta nofs dan l-ammont u cioe' s-somma ta' €1,300.

**<u>DIVIZJONI TAL-BENI MOBBLI</u>**

L-attur ipprezenta rapport fejn indika l-mobbli appartenenti liz-zewg partijiet u dan kien mhejji flimkien ma' Raymond Gingell Littlejohn li xehed ukoll f'dawn il-proceduri. Il-valur ta' dawn il-mobbli jammontaw ghal €10,865. L-istess ghamel ghal dak li jirrigwarda proprjeta' parafernali u l-valur taghhom gie stmat ghal €1,625. Dawn l-oggetti parafernali gew ikkonfermati ukoll minn NB, omm l-attur u accenat ghal fatt li kien hemm xi oggetti li ohra li

[54] Ara xhieda ta' Andre' Catania seduta 17 ta' Mejju, 2016
[55] Ara Dok. VD 7

kienet ghaddietlu fosthom televeision, washing machine, heavy gold chain, diamond ring u seal ring.[56]

Ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni mill-konvenuta rigward dawn il-mobbli u ghaldaqstant, dawn il-mobbli li huma parafernali ghall-attur ghandhom jigu assenjati lilu, filwaqt li l-mobbli l-ohra appartenenti l-komunjoni ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte billi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, bi htija esklussiva tal-attur.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici stante li l-minuri EB llum saret maggorenni.

3. Tichad it-tielet talba.

4. Tilqa' in parte r-raba' talba billi jigi ddikjarat illi l-kreditu parafernali li ghandu l-attur versu l-komunjoni jammonta ghal sitta u tletin elf, tmien mija u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€36,860.88).

[56] Ara Dok. LP 2

5. Tilqa' l-hames talba attrici in parte u tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-beni kollha li huma indikati bhala parafernali tal-attur, liema beni jinsabu elenkati f'Dok. LP 1 u LP 2.

6. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti:-

**A. <u>Proprjeta' li ghandha tigi assenjata lill-attur</u>**

1. Nofs it-titoli mizmuma fil-Borza ta' Malta li huma indikati f'Dok SC1 u SC 2. F'kaz li l-attur jiddisponi minn xi wiehed jew aktar minn dawn it-titoli huwa ghandu jirrestitwixxi lill-konvenuta nofs il-valur generat mill-bejgh ta' dawn it-titoli.

2. Il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni GBC 487 b'dana li nofs il-valur tal-istess vettura u cioe' s-somma ta' elf u tlett mija (€1, 300) ghandha tithallas mill-attur lill-konvenuta;

**B. <u>Proprjeta' li ghandha tigi assenjata lill-konvenuta</u>**

1. Nofs kull wiehed mit-titoli mizmuma fil-Borza ta' Malta li huma indikati f' Dok. SC1 u SC 2. F'kaz li l-attur iddispona minn xi wiehed jew aktar minn dawn it-titoli huwa ghandu jirrestitiwixxi l-konvenuta nofs il-valur generat mill-bejgh ta' dawn it-titoli, fil-mument ta' bejgh taghhom.

**<u>Assenjazzjoni tal-beni immobbli u mobbli</u>**

1. Dwar id-dar matrimonjali u cioe' l-fond 9, Triq Milner, Sliema, li giet stmata ghal mhux inqas minn tlett mija u hamsin elf Euros (€350, 000) dina l-Qorti ma taqbilx mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali, izda tifhem u evalwat is-sottomissjonijiet tal-konvenuta. Ghalhekk thoss li tkun haga gusta li d-dar matrimonjali tigi assenjata lill-konvenuta, b'dana li s-sehem tal-attur jigi saldat bis-segwenti mod:-

i) Jigi assenjat il-fond bin-numru 25, f'Alley 3, Triq Bir ir-Riebu, Rabat, Malta liema proprjeta' giet valutata bejn tmienja u hamsin elf Euros (€58, 000) u sebghin elf Euros (€70,000);

ii) Il-kreditu favur il-konvenuta fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf disa' mija u hamsa u disghin Euro u disgha u erbghin centezmu (€23, 995.49), rapprezentanti sehem mill-konvenuta mill-kont li ghandu l-attur mal-Bank Nat West l-Inghilterra;

iii) Is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, seba' mija u tmenin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€22, 783.58) li jirrapprezenta kreditu parafernali tal-konvenuta ghall-infiq li ghamlet fid-dar matrimonjali u ghall-akkwist tar-raba' fl-Imtahleb ;

iv) Is-somma ta' elef u tlett mitt Euros (€1,300) rapprezentanti nofs il-valur tal- karozza Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni GBC 487 ;

v) Is-somma ta' €1,000.35 li l-attur huwa kkundannat ihallas lill-konvenuta, li jirrizulta minn nofs l-infiq li hija ghamlet relattiv ghat-tiswijiet fil-proprjeta' tal-partijiet kif ukoll hlas ta' dawl u ilma;

vi) In-nofs ta' 56.6% mill-flus generati minn 33 unit mal-Fondazzjoni Mid-Med employees intestati f'isem l-attur, liema units immaturaw fl-2017;

vii) €5000 rapprezentanti l-flejjes li ntefqu mill-konvenuta sabiex teduka u tiehu hsieb is-sahha ta' uliedhom;

2. Ir-raba ta' Ghar Ilma, Imtahleb, Rabat, Malta ghandha tigi assenjata lill-konvenuta.

3. Il-mobbli kollha ndikati fid-Dokument VD 8 ghandhom jinqasmu bejniethom, filwaqt li l-konvenuta ghandha tassenja lill-attur dak li gie indikat bhala parafernali ghalih.

4. Il-kontijiet bankarji f''isem il-konvenuta ghandhom jigu assenjati lilha, filwaqt dawk il-kontijjiet intestati f'isem l-attur ghandhom jinqasmu mal-konvenuta, hlief ghal dawk id-debiti li ghandhom jigu assunti mill-attur.

**Illi in kwantu jirrigwarda l-kontro-talba tal-konvenuta** l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan minhabba li l-attur irrenda ruhu hati ta' sevizzi, theddid u vjolenza psikologika, tant li waslu biex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

2. Tilqa' t-tieni kontro-talba u tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

3. Tichad it-tielet kontro-talba u dan ghar-ragunijiet suesposti fis-subtitolu "Manteniment";

4. Tilqa' in parte r-raba' kontro-talba u tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' mitejn u hamsin Euros (€250) kull xahar ghall-

ispejjes relatati mat-trobbija ta' EB biss peress li D llum huwa maggorenni u jahdem u dan sakemm hija tibqa' tistudja full-time. Dan l-ammont ghandu jizdied kull sentejn skond l-gholi tal-hajja.

5. Tilqa' l-hames kontro-talba billi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, b'dan illi d-data stabbilita' ta' meta l-attur kellu jitqies hati tal-firda hija s-16 ta' Marzu, 2010 u tillikwidaha kif gie deciz iktar 'l fuq.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt kontro-talba peress li EB, llum ghalqet l-eta' ta' tmintax-il sena.

7. Tilqa' s-seba' kontro-talba u dan stante li d-dar matrimonjali qed tigi assenjata lill-konvenuta.

8. Tichad it-tmien talba peress illi ma ngiebu l-ebda provi dwar xiex jikkonsistu dawn l-oggetti dotali u parafernali li ssemmi l-konvenuta.

9. Tastjeni li tiehu konjizzjoni tad-disa' kontro-talba peress lillum ghalqet l-eta' ta' tmintax-il sena.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**